MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2011

Appell Civili - Ghawdex Numru. 2/2010/1

**Bezzina Louis**

**vs**

**Axiak Joseph**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Marzu 2011 quddiem il-Bord dwar il-Kontroll ta’ Kiri ta’ Raba a fol. 101 tal-process fejn l-attur gie awtorizzat biex jappella minn digriet mghoti seduta stante f’ dan l-istadju tal-proceduri.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Louis Bezzina datat 16 ta’ Marzu 2011 a fol. 104 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz tar-rikors tieghu pprezentat fil-Bord Li Jirregola L-Kera Ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna, ir-rikorrent qed jitlob li jigu awtorizzat li jirriprendi l-pussess ta' bicctejn raba agrikoli mikrija lill-intimat, maghrufin bhala 'Tat-Torri' sive 'Ta Fejn it-Torri', fi Triq l-Gharb, limiti tal-Ghasri, Ghawdex, tal-kejl ta' circa 680m.k. u 796m.k. ;

Illi bir-risposta tieghu tat-18 ta' Settembru 2010, l-intimat oppona t-talba tar-rikorrent billi wiegeb:-

(i) Illi t-talba tar-rikorrent hija totalment infondata fid-dritt u fill-fatt;

(ii) Illi dana l-istess raba' ilu moghti bi qbiela lil missier l-intimat ghal zmien twil li kien jahdmu sabiex jassigura l-ghajxien tieghu, u dana stante li kien bidwi;

(iii) Illi l-istess intimat jahdem dan ir-raba minn fejn jassigura l-ghajxien ghall-familja tieghu u dana stante li l-istess esponenti ma ghandu ebda mpieg iehor, u l-uniku mod kif huwa jghajjex lill-familja tieghu huwa billi jikkultiva prodotti agrikoli;

Illi fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2011, ir-rikorrent harrek bhala lir-rapprezentant tal-lukanda Cornucopia Hotel fejn tahdem il-mara tal-intimat ;

Illi l-iskop li gie mharrek dan ix-xhud kien sabiex ir-rikorrent igib prova tal-impjieg u/jew impjiegi u tad-dhul li ghandu l-intimat u l-familja tieghu li tghix mieghu, u jirribatti ghat-twegiba tal-intimat billi jipprova li r-raba meritu tar-rikors mhuwiex fil-fatt fonti mportanti tal-ghajxien tal-intimat u tal-familja tieghu, u li l-intimat u l-familja tieghu mhumiex ser ibghatu aktar mir-rikorrent jekk finalment il-Bord ikollu jilqa t-talba tar-rikorrent ghar-ripresa tal-pussess ta' dan ir-raba ;

Illi fl-istess udjenza l-intimat oppona ghall-produzzjoni ta' dan ix-xhud u giet verbalizzata r-raguni ghal dan billi skond hu, *"il-kawza qed issir biss fil-konfront tal-intimat Joseph Axiak, u ghaldaqstant mar l-intimat mhijiex parti f'*

*dawn il-proceduri u d-dhul taghha ma jistax jigi ammess f' din il-kawza u stante anke ai termini tad-data protection"* ;

Illi d-digriet tal-10 ta' Marzu 2011, il-Bord cahad it-talba tar-rikorrent ghall-produzzjoni ta' dan ix-xhud *"billi mart l-intimat ma hix parti fil-kawza u l-informazzjoni li jrid jikseb ir-rikorrent hija protetta bid-Data Protection Act";*

Illi l-esponent hass ruhu aggravat b' dan id-digriet ;

Illi fl-istess udjenza r-rikorrent talab ghalhekk il-permess specjali lill-Bord sabiex jappella minn dan id-digriet, u dana f'dan l-istadju tal-proceduri qabel is-sentenza finali, liema talba gie milqugha u l-esponenti gie moghti dan il-permess li jappella f' dan l-istadju ;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej :

Illi bir-rispett kollu lejn il-Bord dan ma kienx korret meta cahad it-talba tar-rikorrent biex iressaq il-prova dwar l-impjieg u d-dhul tal-familja tal-intimat, f'dan il-kaz ta' mart l-intimat li mill-provi hareg s'issa li tghix mieghu u mhumiex legalment separati, liema prova mitluba jigi sottomess hija ferm rilevanti ghal ezitu tat-talba tar-rikorrent fid-dawl tal-valutazzjoni li jrid jaghmel il-Bord meta jigi biex iqis u jaghmel il-paraguni tieghu dwar il-*hardship* rispettiv tal-partijiet, u jara jekk l-intimat u l-familja tieghu humiex ser ibghatu aktar mir-rikorrent jekk ir-rikors tieghu jkollu jigi milqugh. Wara kollox 'il-familja tal-kerrej' taghmel riferenza espressa ghaliha l-ligi stess fil-proviso ghall-**artikolu 4 (2) (a) tal-Kap. 199**, li jghid: *"Il-Bord jilqa r-rikors ta' sid il-kera jekk sid il-kera jipprova li …… jehtieg ir-raba biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja personalment ghal perijodu ta mhux anqas minn erba snin konsekuttiva li jibdew minnufih wara d-data tat-terminazzjoni …. Izda c-cirkostanza msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu ma tkunx raguni bizzejjed biex jigi milqugh ir-rikors ta' sid il-kera, jekk il-kerrej jipprova li r-raba in kwistjoni jkun fonti mportanti tal-ghajxien tieghu u tal-familja u jekk il-Bord ikun sodisfatt li*

*l-kerrej ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh" ;*

Illi kien ukoll l-intimat li fir-risposta tieghu stess tas-16 ta' Settembru 2010, iddikjara li l-uniku mod kif huwa jghajjex lill-familja tieghu huwa billi jikkultiva prodotti agrikoli, u li mill-kultivazzjoni ta' dan ir-raba huwa jassigura l-ghajxien ghall-familja tieghu u dana peress li m' ghandu ebda mpjieg iehor. Ghalhekk m' ghandu jipprekludi xejn lir-rikorrent li jressaq quddiem il-Bord kull prova rilevanti dwar id-dhul u l-qaghda finanzjarja tal-intimat u tal-familja tieghu u li hija jilqa ghall-mod ta' kif bih qed jiddefendi l-kawza tieghu l-intimat innifsu billi kien hu stess li ddikjara li l-familja tieghu tghix 'biss' mill-kultivazzjoni tar-raba, meta r-realta ghar-rikorrent dwar l-intimat u l-familja tieghu hija diametrikament il-kuntrarju ta' dak li ddikjara l-intimat fir-risposta tieghu, u l-mod kif l-esponenti jipprova dan m' ghandu jkun bl-ebda mod imxekkel u ostakolat sakemm il-prova tippermettiha l-ligi. Il-fatt li mart l-intimat mhijiex parti fil-kawza, xorta wahda pero tifforma parti mill-familja tal-intimat, kif wara kollox iddikjara l-intimat innifsu meta xehed in subizzjoni li tghix mieghu u li mhumiex legalment separate, u ma kienx korrett il-Bord li cahhad ir-rikorrent li jgib prova dwar l-impjieg ta' mart l-intimat, u kemm hu d-dhul taghha ghall-familja tal-intimat, li wara kollox tifforma parti minnha. Anke f' dan ir-rigward l-informazzjoni mitluba lanqas ma hija koperta bil-ligi tad-*data protection* billi hija l-ligi stess li titlob li meta t-talba ghar-ripresa hija msejsa fuq l-**artikolu 4 (2) (a),** il-Bord ghandu jaghmel paragon bejn il-*hardship* rispettiv tal-partijiet, u biex jaghmel dan l-ezercizzju huwa mpellanti ghall-Bord li jammetti kull prova li biha l-Bord jasal b' kuxjenza serena li jaghmel gustizzja skond il-haqq meta jigi biex iqis u jivvaluta l-provi dwar min mill-partijiet jew il-familji rispettivi taghhom sa jbaghti l-aktar bil-gudizzju li finalment huwa mitlub li jasal ghalih bit-talba tar-rikorrent;

Ghaldaqstant l-esponenti ghar-ragunijiet premessi u dawk li jistghu jigu sottomessi fit-trattazzjoni tal-appell, filwaqt li jaghmel riferenza ghall-atti kollha tal-kawza, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka d-digriet tal-Bord li Jirregola l-Kera Ghall-Gzejjer ta'

Ghawdex u Kemmuna tal-10 ta' Marzu 2011, li permezz tieghu giet michuda t-talba tar-rikorrent biex iressaq bhala xhud lir-rapprezentant tal-Cornucopia Hotel, u tammetti lir-rikorrent li jressaq lil dan l-istess xhud sabiex jixhed ghar-ragunijiet li gew hawn fuq imfissra bl-ispejjez kontra l-intimat appellat, u tibghat lura l-atti tal-kawza quddiem il-Bord halli jkompli jisma l-kaz skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-intimat Joseph Axiak ghar-rikors ta' Louis Bezzina prezentata seduta stante fit-8 ta' April 2011 a fol. 111 tal-process fejn espona bir-rispett :-

Illi d-digriet appellat huwa gust u jimmerita li jigi kkonfermata fl-interita tieghu. Di fatti, meta wiehed jivvaluta dettaljament l-aggravji dedotti mill-appellant Bezzina, jirrizulta illi dawn l-aggravji huma kollha infundati fid-dritt u fil-fatt u huma biss bazati fuq sofizmi u dana stante illi :

1. Illi preliminarjament l-appell huwa wiehed intempestiv u ma jistax jigi nterpost f' dan l-istadju u dana ai termini tal-**artikolu 229 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jispecifika illi:-

*229. (1) Appell minn dawn id-digrieti li gejjin jista jsir biss wara l-ghoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma appell minn dik is-sentenza, u* dawn id-digrieti ma jistghux jigu kontestati qabel ma tinghata s-sentenza definittiva:-

*(e) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud skond l-artikolu 587;*

*(f) digriet dwar jekk tintlaqas jew le talba biex jingiebu dokumenti skond l-artikolu 637 ;*

Jirrizulta fic-car illi l-Bord ta' digriet dwar mistoqsijiet li skond l-istess Bord ma setghux isiru lix-xhud kif ukoll dwar dokumenti li l-istess xhud kien qed jintalab jissottometti.

Ghaldaqstant, dan id-digriet jinkwadra fl-**artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** u

ghaldaqstant jirrizulta li tali appell huwa wiehed intempestiv u li ma jistax jintlaqa f' dan l-istadju ;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrizulta illi l-**Kap 440** u cioe **Data Protection Act** hija cara hafna dwar liema tip ta' data tista tkun zvelata anke fil-Qorti. Jirrizulta u dana b' mod specjali mill-**artikoli 12 sa 17 tal-istess Att** illi tali data ta' natura sensittiva u personali tista tkun zvelata biss bil-permess tal-Qorti u f' kaz li tkun data li tirrigwarda l-partijiet in atti. Ghal ragunijiet maghrufa lill-appellant biss, din l-istess kawza giet intavolata biss fil-konfront ta' Joseph Axiak. Ghaldaqstant, martu hija totalment estranea minn kwalsiasi prodecuri li jinsabu pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna.

Jirrizulta ghalhekk illi l-istess Bord kien korett fl-interpretazzjoni tieghu tal-Ligi u huwa ghalhekk li dana l-istess appell ma jistax jintlaqa.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jissottomettu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tichad l-appell odjern, u tikkonferma is-sentenza appellata bl-ispejjez kollha kontra l-atturi appellanti.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-Gimgha, 8 ta' April 2011. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz, u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-15 ta' Gunju 2011.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan huwa appell minn digriet moghti mill-Bord li Jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna datat 10 ta' Marzu 2011 (fol.101) fejn il-Bord cahad it-talba tar-rikorrenti sabiex iharrek lill xhud rappresentant tal-Cornucopia Hotel sabiex jixhed dwar l-introjtu ta' mart l-intimat ghaliex sostna li mart l-intimat ma hix parti fil-

kawza u l-informazzjoni li jrid jikseb ir-rikorrenti hija protetta bid-Data Protection Act.

Illi fl-appell interpost inghad li (a) ix-xhieda hija importanti sabiex jigi kkalkollat l-introjtu tal-intimat u tal-familja tieghu anke fil-kuntest ta’ dak li jipprovdi l-**artikolu 4 (2) (a) tal-Kap. 199** dwar il-kwistjoni ta’ hardship u sabiex jigi kkonsidrat jekk l-istess raba’ mertu tal-kawza odjerna hijiex fonti importanti ta’ l-ghajxien tieghu u tal-familja tieghu, u dan iktar u iktar meta l-intimat ecceppixxa li l-unika mod li huwa jista’ jghajjex il-familja tieghu huwa billi jikkoltiva prodotti agrikoli u ghalhekk id-dhul tal-intimat u martu, li huwa mizzewgin u mhux legalment separate huma mportanti jekk mhux vitali f’dan ir-rigward; il-fatt li mart l-intimat ma hijiex parti mill-kawza ma ghandhu l-ebda effett fuq tali talba ghaliex hija parti mill-familja tieghu; (b) l-informazzjoni mitluba ma hijiex koperta mid-Data Protection Act ghaliex hija l-ligi stess fl-artikolu 4 (2) (a) li tesigi tali prova fil-kuntest ta’ ripresa tal-istess raba’.

Illi bhala risposta inghad li dan l-appell ma jistax issir ghaliex dan jista’ jsir biss wara li tinghata s-sentenza finali skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 229 (1) (e) u (f) tal-Kap. 12;** tali informazzjoni taqa’ taht id-disposizzjonijiet appositi tad-Data Protection Act, inkluz l-artikoli 12 sa 17 tal-istess fejn jinghad li informazzjoni sensittiva tista’ tigi zvelata biss bil-permess tal-Qorti u f’kaz lit kun data li tirrigwarda l-partijiet in atti u mart l-intimat ma hijiex parti fil-kawza.

Illi din il-Qorti thoss li l-oggezzjoni ghall-produzzjoni tax-xhud imsemmi ma taqax taht id-disposizzjonijiet citati mill-appell skond l-**artikolu 229 (1) (e) u (f) tal-Kap. 12,** ghaliex hawn il-Ligi qed titkellem dwar domandi li jsiru lill xhud u wkoll dokumenti producibbli, u l-kaz odjern jittratta dwar produzzjoni ta’ xhud, u ghalhekk jaqa’ taht dak li hemm provdut fl-**artikolu 229 (3) tal-Kap. 12** fejn appell minn digriet interlokutorju bhal ma huwa dan, la darba ma jaqax taht l-provedimenti ta’ l-**artikolu 229 (1) u (2)** jista’ jsir biss qabel is-sentenza finali, kemm il-darba jinghata permess sabiex issir appell mill-Ewwel Qorti, liema permess jidher li inghata mill-istess Bord fl-istess seduta

tal-10 ta’ Marzu 2010. Mela allura dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju din il-Qorti thoss li dan huwa wkoll infondat peress li tali informazzjoni mehtiega hija necessarja skond il-ligi sabiex, kif qal l-appellant f’din il-procedura, jigi stabilit l-introjtu tal-intimat u tal-familja tieghu u dan anke fil-konsiderazzjonijiet ta’ *hardship* li l-Bord jista’ jkollu jindaga jekk jigu sodisfatti l-elementi kollha rikjesti fl-**artikolu 4 (2) (a) tal-Kap. 199,** u iktar u iktar f’dan il-kaz, meta wahda mill-eccezzjoni tal-intimat stess f’din il-procedura li ghadda sallum pendenti hija li l-istess raba’ gie imsemmija bhala *“l-unika mod kif huwa jghajjex lill-familja tieghu huwa billi jikkoltiva prodotti agrikoli”,* u dan meta jirrizulta li l-intimat huwa mizzewweg u ma huwiex separat, u ghalhekk minkejja li martu mhux fil-kawza, xorta wahda tifforma parti mill-familja tieghu, u l-introjtu taghha jidhol fil-komunjoni tal-akkwisti li hemm bejnha u bejn l-intimat u allura tali xhieda hija importanti anke ghall fini tad-determinazzjoni tal-pendenza bejn il-partijiet u allura taqa’ taht dak provdut fl-**artikolu 13 (c) tal-Kap 440** li jawtorizza li tinghata tali data fil-protezzjoni ta’ ezerccitazzjoni ta’ drittijiet jew difiza ta’ drittijiet legali, kif inhu l-kaz odjern, kollox kif qal ukoll l-appellant f’dan l-appell. Fuq kollox il-Qorti tista’ in vista’ ta’ dak li hija trid tezamina skond il-ligi taghti l-istess permess, u direttivi ohra opportuni, u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi ma dan il-Qorti thoss li l-introjtu ta’ mart l-intimat u ghalhekk l-informazzjoni rikjesta dwar l-impjied taghha hija mehtiega sabiex jigi determinat jekk l-eccezzjonijiet moghtija mill-intimat jaqawx fil-parametri tal-artikolu 4 (2) (a) tal-Kap. 199 fuq citat u l-kwistjoni ta’ hardship, tenut kont li mart l-intimat hija parti mill-familja tal-istess intimat, u ma jimporta xejn li hija ma hijiex per se parti sa issa f’din il-procedura. Ghalhekk l-appell interpost mid-digriet tal-10 ta’ Marzu 2011 qed jigi milqugh.

## <u>III. KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-intimat Joseph Axiak datata 8 ta' April 2011, **tilqa' l-appell interpost mil-appellant Louis Bezzina tas-16 ta' Marzu 2011** b'dan ghalhekk tirrevoka d-digriet tal-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba datat 10 ta' Marzu 2011, liema digriet kien cahad li jigi prodott bhala xhud rappresentant tal-Cornucopia Hotel Limited fejn tahdem il-mara tal-intimat, proprju sabiex taghti informazzjoni dwar l-introjtu tal-istess, u minflok tawtorizza tali xhieda u sabiex tinghata l-informazzjoni dwar l-introjtu ta' mart l-intimat u b'hekk din il-Qorti tirrimanda u tirrinvija l-atti processwali quddiem l-istess Bord sabiex fid-dawl ta' din id-decizjoni, il-kawza tkompli tigi mismugha, trattata u deciza skond il-ligi.

L-ispejjez ta' din l-istanza huma a karigu tal-intimat appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------